**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 127**

It-Tnejn, 29 ta' Mejju 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo u l-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Byron Camilleri kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża l-Onor. Miriam Dalli, il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima u l-Onor Glenn Bedingfield kienu skużati.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 126 li saret fl-24 ta' Mejju 2023 kienu kkonfermati.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 8760 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1827 Avviż Legali Nru 114 tal-2023 – Avviż ta' bidu fis-Seħħ li stabbilixxa d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet kollha tal-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv) (Att Nru XI tal-2023) għandhom jidħlu fis-seħħ; u

P.L. 1828 Tliet screenshots mill-website tal-European Social Network (ESN) fejn juru l-użu tal-frażi Social Welfare Professional, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9073.

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1829 Kopja ta' Exemption Order numru IR 7/13 (MF151/11/16) maħruġa fil-25 ta' Mejju 2023 lill-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali skont l-artikolu 12(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap. 123;

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1830 Tabella li turi tagħrif dwar il-pakketti finanzjarji tal-Kapijiet Eżekuttivi u Chairpersons ta' entitajiet tal-Gvern li jirċievu subvenzjoni finanzjarja mill-Gvern, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9177;

f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1831 Avviż Legali Nru 112 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar l-Esportazzjonijiet u l-Kummerċ tat-Tonn; u

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1832 Road Works Compliance Report minn Transport Malta, Asphalt Test Certificate datat 6 ta' Awwissu 2022, Test Report datat 5 ta' Settembru 2022, Fresh/Hardened Concrete Test Certificates maħruġa minn SolidBase Laboratory Ltd datati 11 ta' Marzu 2022, 16 ta' Marzu 2022 u 19 ta' Marzu 2022 għal xogħol ta' tarmac fi Triq 13 ta' Diċembru, Santa Luċija, Għawdex, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8863;

P.L. 1833 Tabella li turi tagħrif dwar applikazzjonijiet li ma ġewx magħżula għal Project Green, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9140; u

P.L. 1834 Tabella li turi tagħrif dwar kuntratti li ngħataw mill-Arms Ltd minn Jannar 2022 sa Mejju 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9147.

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1835 Avviż Legali Nru 113 tal-2023 – Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li stabbilixxa s-26 ta' Mejju 2023 bħala d-data meta t-Taqsima II u t-Taqsima III tal-Att tal-2023 li jemenda Liġijiet Varji dwar il-bini u l-Kostruzzjoni (Att Nru XVI tal-2023) għandhom jidħlu fis-seħħ.

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1836 Tabella li turi informazzjoni tal-każijiet kollha deċiżi għar-reati li għalihom tressqu tfal taħt it-18-il sena quddiem il-Juvenile Court għas-snin bejn l-2020 u l-2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9078;

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1837 Tabella li turi informazzjoni dwar binjiet li huma mikrija lill-entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Anzjanità Attiva maqsuma skont l-entità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8903; u

P.L. 1838 Lista li turi n-numru ta’ persuni li jattendu ċ-Ċentri għall-Anzjanità Attiva maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8982.

**PUNT IMQAJJEM MINN ONOR. MEMBRU TAL-KAMRA**

L-Onor. Rebekah Borg ġibdet l-attenzjoni tas-Sedja għal rimarki li għamel l-Onor. Clayton Bartolo off mic fil-konfront tagħha waqt is-seduta tat-Tnejn, 22 ta’ Mejju 2023. L-Onor. Borg ikkonfermat ukoll li l-Onor. Bartolo kien bagħtilha ittra ta’ apoloġija u li kienet qed tilqa’ tali apoloġija.

L-Onor. Bartolo skuża ruħu mal-Onor. Borg u qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1839 Email ta’ apoloġija li l-Onor. Clayton Bartolo bagħat lill-Onor. Rebekah Borg datata d-29 ta’ Mejju 2023.

**MOZZJONIJIET**

**141. ESTIMI TA’ DĦUL U NFIQ TAL-AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU GĦAS-SENA FINANZJARJA 2023**

Il-Ministru għat-Turiżmu, l-Onor. Clayton Bartolo, ippropona:

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għas-sena finanzjarja mill-1 ta’ Jannar 2023 sal-31 ta’ Diċembru 2023, skont l-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu, Kap. 409.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, issekonda.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li d-diskussjoni fuq din il-mozzjoni kellha tieħu seduta waħda bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bil-ftuħ u l-għeluq mill-Gvern.

Fis-6.10 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta għal ftit mumenti sakemm il-President tal-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta’ Abbozzi ta’ Liġi Aġġunt jirrapporta dwar ħidma tal-kumitat.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Onor. Carmelo Abela, President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta’ Abbozzi ta’ Liġi Aġġunt, irrapporta li Abbozz Nru 54 - Abbozz ta’ Liġi dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi għadda mill-istadju ta’ Kumitat b’emenda.

**141. ESTIMI TA’ DĦUL U NFIQ TAL-AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU GĦAS-SENA FINANZJARJA 2023 (KONTINWAZZJONI)**

Il-Kamra rriżumiet minn ftit tal-mumenti qabel id-diskussjoni fuq l-Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Mario de Marco, l-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Graziella Galea, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Ivan Castillo, l-Onor. Chris Bonett, l-Onor. Albert Buttigieg, l-Onor. Ray Abela u l-Onor. Abigail Camilleri.

Il-Ministru għat-Turiżmu qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1840 Artiklu li deher fuq is-sit online tal-ġurnal *Times of Malta* fit-3 ta' Mejju 2005 bl-isem "Inquiry into road collapse"; u

P.L. 1841 Artiklu li deher fuq is-sit online tak-ġurnal *Times of Malta* fil-11 ta' Ottubru 2010 bl-isem "WSC admits fault in Għadira Road collapse".

Meta d-Deputy Speaker, l-Onor. David Agius, għadda biex iqiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għat-Turiżmu, intalbet votazzjoni, liema votazzjoni kellha tittieħed f'seduta li tiġi stabbilita skont il-mozzjoni ta' proċedura numru 87.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-7.00 p.m. il-Ministru għat-Turiżmu, l-Onor. Clayton Bartolo, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 30 ta' Mejju 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda.

**Mozzjonijiet**

Estimi ta' dħul u nfiq ta' Patrimonju Malta u Sovrintendenza tal-Patrimonji Kulturali għas-sena finanzjarja 2023

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 20) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 47) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Agrikoltura | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u r-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Fornituri ta' Servizzi ta' Finanzjamenti Kollettivi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi | Tielet Qari |
| Estimi ta' Jobsplus għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għall-Protezzjoni ta' Embrijuni għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tad-Djar għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Abbozz 51) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Logħob | Kumitat Permanenti |

Il-Ministru għat-Turiżmu informa lill-Kamra li b'referenza għall-ftehim verbalizzat fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2023, kien hemm qbil illi nhar it-28 ta' Ġunju 2023 fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tas-Seduta ta' filgħaxija fis-7.00 p.m. għandhom jittieħu l-votazzjonijiet li jidhru fuq l-aġenda kif ukoll kull votazzjoni li tista' tintalab sa dakinhar.

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Charles Azzopardi, mill-Onor. Jerome Caruana Cilia u mill-Onor. Paula Mifsud Bonnici.

Fis-7.32 p.m. id-Deputy Speaker, avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 30 ta' Mejju 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għat-Turiżmu.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANGLU FARRUGIA**
**SPEAKER**